MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 1305/1998/2

**Manwel Grech**

**Vs**

**John u Rosanne konjugi Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Manwel Grech fis-26 ta’ Gunju 1998 permezz ta’ liema jitlob li John u Rosanne konjugi Galea jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ hames mija u tmenin Lira Maltija (Lm580.00), illum ekwivalenti ghal €1,351.04, rapprezentanti prezz miftiehem in forza ta’ *locatio operis* ghall-bini ta’ parapett u xoghol iehor relatat fi Plot 22, Regional Road, San Giljan, liema kuntratt gie minnhom itterminat minghajr raguni valida, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Mejju 1998 sad-data ta’ l-effettivament pagament u bl-ispejjez, kontra John u Rosanne konjugi Galea;

Rat is-sentenza pronuncjata fl-1 ta' Marzu 1999 bis-sahha ta' liema t-talba attrici giet milqugha, bl-ispejjez kontra John u Rosanne konjugi Galea;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "John u Rosanne konjugi Galea v. Manwel Grech" Avviz Nru. 734/99 deciza fit-23 ta' April 2001 bis-sahha ta' liema gie ordnat li: (i) is-sentenza ta' l-1 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet "Manwel Grech v. John u Rosanne konjugi Galea" Avviz Nru. 1305/98 tigi mhassra w annullata; u li (ii) il-kawza fl-ismijiet "Manwel Grech v. John u Rosanne konjugi Galea" Avviz Nru. 1305/98 tigi mismugha mill-gdid, u cioè ritrattata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' John u Rosanne konjugi Galea ghall-Avviz ipprezentat minn Manwel Grech fis-26 ta' Gunju 1998, permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) fl-ewwel lok ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra Manwel Grech, stante li l-process mhux integru billi l-appalt ma nghatax lil Manwel Grech wahdu izda lil Manwel Grech u certu Ronnie Agius; (ii) fi kwalunkwe kaz huma kellhom raguni valida skond il-Ligi sabiex jitterminaw il-kuntratt ta' appalt in kwistjoni stante li Manwel Grech u Ronnie Agius naqsu milli jlestu x-xoghol moghti lilhom sal-15 ta' April 1993 kif kien stipulat bil-miktub bejniethom; (iii) Manwel Grech ghandu jhallashom is-somma ta' Lm750.47, illum ekwivalenti ghal €1,748.12, flimkien ma' l-interessi sal-gurnata tal-pagament u l-ispejjez kollha konnessi, ma' l-izbank ta' l-imsemmija somma, rapprezentani arrikkiment indebitu da parte ta' Manwel Grech a skapitu taghhom meta zbanka l-ammont ta' Lm750.47, depozitat b' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 999/99, bis-sahha tas-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 1999, liema sentenza giet sussegwentement imhassra w annullata permezz ta' sentenza ohra pronuncjata minn din il-Qorti fit-23 ta' April 2001, liema pretensjoni tifforma l-meritu tal-kontro-talba taghhom fil-konfront ta' Manwel Grech; u dana b'riserva ta' kull dritt u azzjoni ohra spettanti lilhom kontra Manwel Grech, inkluz izda mhux limitatament ghall-hlas lilhom da parte ta' Grech tal-penali kontemplata fil-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992;

Rat il-kontro-talba ta' John u Rosanne konjugi Galea kontra Manwel Grech permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti: (i) tiddikjara li huma kellhom raguni valida skond il-Ligi biex jitterminaw l-appalt moghti minnhom fit-28 ta' Awwissu 1992; u (ii) tikkundanna lil Manwel Grech ihallashom is-somma ta' seba' mija u hamsin Lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm750.47), illum ekwivalenti ghal €1,748.12, flimkien ma' l-interessi sal-gurnata ta' l-effettiv pagament u l-ispejjez kollha konnessi ma' l-izbank ta' l-imsemmija somma, stante li tali ammont jirrapprezenta arrikkiment indebitu da parte ta' Manwel Grech a skapitu taghhom, bl-imghaxijiet skond il-Ligi u bl-ispejjez kontra Manwel Grech u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni ohra lilhom spettanti kontra tieghu, inkluz izda mhux limitatament ghall-hlas da parte ta' Manwel Grech tal-penali kontemplata fil-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Manwel Grech ghall-kontro-talba ta' John u Rosanne konjugi Galea, permezz ta' liema jeccepixxi li t-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi huwa ottempera ruhu ma' dak miftiehem fil-kuntratt ta' appalt u ghalhekk il-konjugi Galea ma kienux gustifikati fit-terminazzjoni ta' l-imsemmi ftehim ta' appalt, u konsegwentement ghalhekk huwa ma ghandu jirrifondi ebda ammont lill-konjugi Galea;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2005[1] u tat-2 ta' Lulju 2007[2] u x-xhieda ta' Ronnie Agius moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2006[3], rat l-affidavit tal-konvenut John Galea u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 124 sa' 134 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Noel Spiteri moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2010[4];

Rat il-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992 a fol. 112 sa' 117 tal-process;

[1] Fol. 99 u 100 tal-process.
[2] Fol. 109 sa' 111 tal-process.
[3] Fol. 102 sa' 103 tal-process.
[4] Fol. 159 sa' 160 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar 2010[5] fejn gie stabbilit illi: (i) bis-sentenza pronuncjata fit-23 ta’ April 2001 gie deciz il-meritu tal-proceduri bl-Avviz Numru 734/99 billi giet ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza bl-Avviz Numru 1305/98; (ii) din il-Qorti ghandha ghalhekk tisma’ u tittratta l-proceduri bl-Avviz Numru 1305/98; (iii) il-proceduri bl-Avviz Numru 734/99 jithassru minn fuq il-lista tal-Qorti; u (iv) il-partijiet qablu li l-provi kollha migbura u l-atti u d-dokumenti kollha li gew imressqa quddiem il-Qorti minn wara s-sentenza tat-23 ta’ April 2001 sa’ dakinhar tas-16 ta’ Frar 2010 ghandhom jitqiesu li tressqu fl-atti tal-proceduri bl-Avviz Numru 1305/98 ghalkemm mill-atti processwali jidher li gew esebiti fl-atti tal-kawza bl-Avviz Numru 734/99, u konsegwentement ezentaw lill-Qorti mill-tisma’ l-provi mill-gdid u qablu li ma jergghux jitressqu provi mill-gdid;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2010[6] fejn il-partijiet qablu li l-ammont ta’ Lm750 li kien depozitat taht l-Awtorità tal-Qorti in segwitu ghal Mandat ta’ Sekwestru mahrug fil-konfront ta’ John Galea, gie zbankat mill-attur Manwel Grech;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti konjugi Galea jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ Lm580.00, illum ekwivalenti ghal €1,351.04, rapprezentanti prezz miftiehem in forza ta’ *locatio operis* ghall-bini ta’ parapett u xoghol iehor relatat, fi Plot 22, Regional Road, San Giljan, liema kuntratt ta’ appalt gie tterminat mill-konvenuti minghajr ebda raguni valida fil-Ligi. Il-konvenuti konjugi Galea jilqaghu ghat-talba ta’ l-attur bl-eccezzjoni preliminari li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-

5 Fol. 152 tal-process.
6 Fol. 161 tal-process.

gudizzju in kwantu l-process mhux integru stante li l-appalt ma inghatax lill-attur wahdu izda lill-attur u lil certu Ronnie Agius flimkien, u bl-eccezzjoni fil-meritu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi kellhom raguni valida fil-Ligi in bazi ghal liema jitterminaw l-appalt in kwistjoni stante li l-attur u Ronnie Agius naqsu milli jikkompletaw ix-xoghol moghti lilhom sat-terminu miftiehem tal-15 ta’ April 1993, liema terminu kien stipulat bil-miktub fil-kuntratt.

Il-konvenuti konjugi Galea jikkontendu wkoll li l-attur ghamel arrikkiment indebitu a skapitu taghhom meta in forza tas-sentenza fl-ismijiet “Manwel Grech v. John Galea et” Avviz Nru. 1305/98, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta’ Marzu 1999, zbakna s-somma ta’ Lm750.47, illum ekwivalenti ghal €1,748.12, depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti b’Cedola ta’ Depozitu Numru 999/99, liema sentenza bis-sahha ta' sentenza fl-ismijiet “John Galea et v. Manwel Grech” Avviz Nru. 734/99 deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ April 2001, giet imhassra u annullata u giet ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza. Huma ghaldaqstant jippretendu li l-attur ghandu jhallashom is-somma ta’ Lm750.47 (€1,748.12), flimkien ma’ l-imghaxijiet dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament u l-ispejjez konnessi ma’ l-izbank ta’ dak l-ammont, u b’hekk ressqu kontro-talba fil-konfront tieghu. Permezz tal-kontro-talba taghhom il-konvenuti konjugi Galea jitlob li l-Qorti tiddikjara li huma kellhom raguni valida fil-Ligi in bazi ghal liema jitterminaw l-appalt minnhom moghti fit-28 ta’ Awwissu 1992 u konsegwentement tikkundanna lill-attur ihallashom is-somma ta’ Lm750.47 (€1,748.12), flimkien ma’ l-imghaxijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament u l-ispejjez konnessi ma’ l-izbank ta’ dak l-ammont. L-attur jilqa’ ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti konjugi Galea bl-eccezzjoni li t-talbiet taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ottempera ruhu ma’ dak miftiehem fil-kuntratt ta’ appalt u b’hekk il-konvenuti ma kienux gustifikati fit-terminazzjoni ta’ l-imsemmi ftehim, u konsegwentement ghalhekk ma ghandux jigi kkundannat ihallashom is-somma minnhom pretiza.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-konvenuti konjugi Galea bl-eccezzjoni preliminari taghhom ghat-talba ta' l-attur, u cioè li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-process mhux integru in kwantu l-appalt ma nghatax lill-attur wahdu izda lill-attur u lil certu Ronnie Agius flimkien.

Mill-kuntratt ta' appalt a fol. 112 sa' 117 tal-process u esebit mill-gdid ma' l-affidavit tal-konvenut a fol. 126 sa' 131 tal-process, jirrizulta li l-partijiet kontraenti kienu l-konvenut John Galea bhala s-sid u l-attur u Ronnie Agius bhala l-kuntratturi. Mix-xhieda ta' l-attur[7] u mill-affidavit tal-konvenut John Galea[8] jirrizulta li bis-sahha ta' dak il-ftehim il-konvenut inkariga lill-attur u Ronnie Agius biex jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-Plot 22, Regional Road, San Giljan, liema xoghol kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' garage b'terraced house fuqu.

L-attur jikkontendi li s-somma minnu pretiza b'dawn il-proceduri tirrapprezenta l-valur tal-kostruzzjoni ta' gallarija u parapett li ma kienux inkluzi fil-kuntratt originali, izda ftiehem dwarhom mal-konvenut bi ftehim verbali separat u dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni partikolari gie esegwit minnu biss u mhux ukoll minn Ronnie Agius. Waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005[9], in ezami l-attur xehed illi *kont gejt inkarigat mill-konvenut sabiex naghmel xoghol ta' gebel fil-post, plot 22, Triq Regjonali, San Giljan. Kellna nibnu garaxx b'terraced house fuqu. Ix-xoghol lestejnieh. Hawnhekk ser immur pass lura sabiex nghid dwar il-ftehim. Konna ftehmna fuq ir-rati ghand il-Perit Scerri, illum mejjet. Minhabba problemi familjari ma nafx nghid jekk ghandix kopja tal-ftehim in kwistjoni. Kif diga spiegajt kont ghamilt ix-xoghol tal-basement u tat-terraced house. Kien ghad fadal biss gallarija li konna ftehmna dwarha parti quddiem l-istess Perit, liema ftehim apparti kien jinkludi wkoll il-parapett. … Jiena fil-fatt ghad ghandi dovut lili s-somma ta' hames mija u tmenin Liri Maltin (Lm580).*

---

7 Xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005, fol. 99 sa' 100 tal-process.
8 Fol. 124 u 125 tal-process.
9 Fol. 99 sa' 100 tal-process.

*Fil-fatt dan l-ammont huwa l-prezz miftiehem apparti, kif spjegajt, in konnessjoni mall-parapett u l-gallarija.* In kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2007[10], l-attur xehed illi *meta s-sur Galea kellu l-ezamijiet u jiena kelli nieqaf u mmur naghmel xoghol iehor, kien fadal biss bhala kostruzzjoni l-parapett. Dak iz-zmien kont nahdem ma' persuna ohra, però l-parapett spiccajtu wahdi. Il-parapett kien l-ahhar oggett illi sar.*

Il-konvenuti konjugi Galea jichdu li bejnhom u l-attur kien hemm zewg ftehim, dak bil-miktub tat-28 ta' Awwissu 1992 u ftehim iehor verbali separat dwar il-gallarija u l-parapett kif allegat mill-attur. Jikkontendu li l-uniku ftehim li kien hemm bejniethom dwar il-kostruzzjoni fuq il-Plot 22, Regional Road, San Giljan, kien dak datat 28 ta' Awwissu 1992 li kien jinkludi x-xoghol kollu li kellu jsir, inkluz il-gallarija w il-parapett. Fir-rigward fl-affidavit[11] tieghu l-konvenut John Galea jiddikjara li *jien John David Galea, bhala sid tal-fond residenzjali 22, Dun G. Xerri Street, St. Julian's, dhalt f'kuntratt ta' kostruzzjoni ta' l-istess fond ma' Ronnie Agius u Emmanuel Grech, fil-presenza tal-Perit Anthony Scerri, illum mejjet. … Id-data meta sar il-kuntratt kienet 28 ta' Awwissu 1992. Jiena qatt ma dhalt f'kuntratt iehor mas-sinjuri Ronnie Agius u Emanuel Grech, la flimkien u lanqas separatament. Skond l-uniku ftehim illi kellna bejnietna, ix-xoghol kollu, inkluz ukoll il-parapett, kellu jkun lest mhux izjed tard minn 15 ta' April 1993 u fin-nuqqas Agius u Emanuel Grevh intrabtu li jhallsu penali fl-ammont ta' hames Liri Maltin (Lm5.00) ghal kuljum li jkunu tard.*

Minn ezami tal-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, ftehim dwar il-kostruzzjoni tal-fond residenzjali tal-konvenuti konjugi Galea fuq il-Plot 22, Regional Road, San Giljan, kien hemm wiehed biss u cioè il-ftehim tat-28 ta' Awwissu 1992 bejn il-konvenut John Galea min-naha l-wahda u l-attur u Ronnie Agius min-naha l-ohra, u dan kien jinkludi l-kostruzzjoni kollha tal-fond, inkluz il-gallarija u l-parapett li taghhom l-attur jippretendi hlas bil-proceduri odjerni.

---

[10] Fol. 109 sa' 111 tal-process.
[11] Fol. 124 u 125 tal-process.

Fi kliem l-attur stess, hu u Ronnie Agius gew inkarigati mill-konvenut Galea biex jibnu garage b'terraced house fuqu u fil-fehma tal-Qorti ma huwiex affattu kredibbli li l-gallarija – u per di più skont l-attur l-unika gallarija tal-fond – u l-parapett tal-fond ma kienux inkluzi fil-ftehim ta' appalt originali u li kellu jsir ftehim dwarhom apparti fi stadju fejn pratikament kien lest ix-xoghol ta' kostruzzjoni kollu[12]. F'dan ir-rigward huwa ferm pertinenti wkoll dak dikjarat mill-attur waqt il-kontro-ezami tieghu fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2007[13], dwar il-pjanta annessa mal-ftehim ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992.

Il-Klawsola A1 ta' l-imsemmi ftehim tipprovdi li *x-xoghlijiet jikkonsistu fil-bini fuq il-lok imsemmi kif muri fuq il-pjanta*[14] *jew kif trid tigi mibdula skond il-bzonn* u waqt l-imsemmija seduta tat-2 ta' Lulju 2007 l-attur xehed illi *hawnhekk qed nezamina l-iskrittura ta' appalt illi ghadha kemm giet esebita. Fuq din l-iskrittura qed naraf il-firma tieghi. Din hija fil-fatt it-tieni wahda fuq kull faccata fejn hemm il-kelma kuntrattur. Naqbel illi dan huwa l-kuntratt ta' appalt li jirreferi ghal dan il-kaz. Hemm referenza ghal pjanta illi però m'hijiex annessa ma' l-istess skrittura. Nerga' nghid illi gallarija fil-post hemm wahda biss. Fil-fatt jista' jkun qed issir referenza ghal opramorta. Fil-gallarija hemm il-balavostri. In vista li fil-parapett u fil-gallarija intuzaw l-istess balavostri, ghalhekk ghamilna kont lump sum dwar dan. Minghalija jekk niftakar sew, fil-pjanta huma murija l-parapett u l-gallarija*[15].

Ladarba skond l-attur fil-pjanta annessa mal-ftehim tat-28 ta' Awwissu 1992 kien hemm murija wkoll il-gallarija u l-parapett mertu tal-kontestazzjoni, tirrizulta ghal kollox inverosimili l-allegazzjoni minnu avvanzata waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005 illi dwar l-istess gallarija u parapett kien intalahaq ftehim sussegwenti u separat bejnu w il-konvenuti Galea. B'hekk jigi ribadit li fil-fehma tal-Qorti l-kostruzzjoni fuq il-Plot 22, Regional Road, San

---

12 Xhieda ta' l-attur in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2007, fol. 109 sa' 111 tal-process.
13 Fol. 109 sa' 111 tal-process.
14 Sottolinear tal-Qorti.
15 Sottolinear tal-Qorti.

Giljan, proprjetà tal-konvenuti konjugi Galea, kienet regolata bi ftehim wiehed u cioè bil-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992.

Il-Qorti tosserva li fil-kuntratt tat-28 ta' Awwissu 1992 il-partijiet kontraenti ma kienux ftehmu dwar **ir-rata** ghall-provvista tal-balavostri ghall-gallarija u ghall-parpett u dwar **ir-rata** ghall-kostruzzjoni tal-gallarija[16] u huwa bil-wisq probabbli u plawsibbli li dak li jaghmel referenza ghalih l-attur bhala ftehim sussegwenti kien jikkoncerna **r-rati** ghal dan ix-xoghol iktar milli ix-xoghol innifsu. Madanakollu però b'daqshekk ma jfissirx li l-kostruzzjoni tal-gallarija u tal-parapett ma kienux inkluzi u kontemplati fil-kuntratt ta' appalt originali u li kienu regolati b' xi ftehim iehor. Jigi ribadit li mill-provi jirrizulta li l-kostruzzjoni tal-gallarija u tal-parapett kienet kontemplata u tifforma parti mill-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992.

Ghalkemm ix-xoghol tal-gallarija u tal-parapett kien inkluz fil-kuntratt ta' appalt tat-28 ta' Awwissu 1992, b' daqshekk ma jfissirx li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti konjugi Galea ghat-talba attrici hija gustifikata.

Huwa principju assodat li *r-ragion d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-gudizzju tistrih fuq tlett konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hi li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assikurata kemm jista' jkun l-effikacità tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju, sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati f'diversi kawzi, billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati, biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha. Li l-gudizzju jkun integru ghalhekk, jinteressa principalment lill-attur aktar mill-konvenut, inkwantu dan, bl-eccezzjoni msemmija, ghandu biss l-ewwel raguni li tiggustifikah, billi d-difiza*

[16] Lista ta' Prezzijiet Miftehma annessa mal-kuntratt ta' appalt, fol. 129 tal-process.

*tieghu tista' tigi ppregudikata minn certi veritajiet u certi ragunijiet, li jiddependu mill-presenza ta' persuni ohra bhala partijiet fil-kawza*[17]*.*

Applikat dan il-principju guridiku ghal dak li johrog mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda ta' Ronnie Agius, il-kuntrattur l-iehor involut fl-appalt in kwistjoni, jirrizulta b'mod car li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti konjugi Galea hija insostenibbli. Di fatti mix-xhieda ta' Ronnie Agius jirrizulta li hu u l-attur f'certu zmien ma baqghux jahdmu flimkien fuq il-fond tal-konvenuti konjugi Galea, li l-parapett tal-fond inbena mill-attur wahdu u, l-iktar fattur importanti, li huwa thallas ghax-xoghol kollu minnu esegwit ghall-konvenuti.

F'tali rigward waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2006[18] Ronnie Agius xehed illi *niftakar li kien hemm ftehim bejni u John Galea li huwa l-konvenut odjern. Dan kien xoghol ta' bini u x-xoghol ta' bini kellu jsir minni u … minn Manwel Grech l-attur. Ix-xoghol kien sar. Tista' tghid ix-xoghol kien sar. Dejjem konna on the go. Ix-xoghol, fi kliemi stess kien kontinwu, hlief ghal xi granet, u mhux xhur. Tax-xoghol kollu thallasna sakemm kont jien hemmhekk. Hawnhekk nixtieq nghid illi ma kienx ix-xoghol kollu komplut. Jiena qed nispjega li jiena thallast tax-xoghol kollu li ghamilt sakemm domt fuq ix-xoghol jien*[19]*. Fil-fatt sakemm kont jien impenjat fix-xoghol ma' Manwel Grech kien tlesta l-basement, l-ewwel (1) sular, it-tieni (2) sular u l-washroom. Kien fadal biss ghalhekk il-parapett. Meta wasalna sabiex naghmlu dan il-parapett jiena u Manwel Grech ma tlajniex flimkien. Sax-xoghol kollu li kien sar, anzi ghax-xoghol kollu li kien sar, jiena kont thallast*[20]*.In rigward il-parapett, dan kellu jsir minn Manwel Grech.*

Mix-xhieda ta' Ronnie Agius ghalhekk jirrizulta b'mod car li huwa ma fadallu ebda pretensjoni fil-konfront tal-

---

17 Victoria Zahra Dedomenico v. Alfred Zahra Dedomenico, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1992, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXVI – ii – 182; Highrise Company Limited v. Vincent Busuttil, Citaz. Nru. 1586/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2001.

18 Fol. 102 u 103 tal-process.

19 Sottolinear tal-Qorti.

20 Sottolinear tal-Qorti.

konvenuti konjugi Galea ghaliex thallas ghax-xoghol kollu minnu esegwit ghalihom u ma ghandu ebda interess fl-azzjoni odjerna kif dedotta fil-konfront taghhom mill-attur Manwel Grech. Konsegwentement ghalhekk u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti konjugi Galea, Ronnie Agius ma ghandux ghalfejn ikun parti f'dawn il-proceduri peress illi hawn si tratta ta' pretensjoni ta' l-attur fil-konfront taghhom. Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Galea ghat-talba attrici ghandha tigi michuda.

Jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Awwissu 1992, biex jigu determinati kemm it-talba attrici ghall-kundanna fil-konfront tal-konvenuti konjugi Galea ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' Lm580.00, illum ekwivalenti ghal €1,351.04, kif ukoll it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti ghall-kundanna fil-konfront ta' l-attur ghall-hlas lilhom tas-somma ta' Lm750.47, illum ekwivalenti ghal €1,748.12.

L-attur jikkontendi li *ghal xi raguni l-konvenut John Galea iddecieda li jiena ma inkomplix u qalli sabiex nieqaf. Ir-raguni li kien tani li kellu xi ezamijiet in rigward insurance. In rigward ix-xoghol ma kien hemm l-ebda ilment. Jiena ma ridtx nieqaf peress illi kont marbut biz-zmien sabiex nikompleta x-xoghol*[21]*.* Minn din ix-xhieda huwa evidenti li l-attur jsostni li kienu l-konvenuti konjugi Galea illi ghal ebda raguni valida fil-Ligi waqqfuh milli jkompli u b'hekk jlesti x-xoghol appaltat lilu, u konsegwentement ghalhekk huma obbligati jhallsuh is-somma miftiehma ta' Lm580.00, ekwivalenti ghal €1,351.04.

Il-konvenuti konjugi Galea jichdu li ma kellhomx raguni valida in bazi ghal liema jwaqqfu lill-attur milli jkompli x-xoghol kummissjonat lilu tant illi fit-tieni eccezzjoni taghhom ghat-talba attrici u fil-premessi in bazi ghal liema ressqu l-kontro-talba taghhom fil-konfront ta' l-attur jikkontendu li *t-talba attrici hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi l-eccipjenti kellhom raguni valida skond il-Ligi biex jitterminaw il-kuntratt ta' appalt in*

[21] Xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005, fol. 99 u 100 tal-process.

*kwistjoni stante illi Manwel Grech u Ronnie Agius naqsu milli jlestu x-xoghol moghti lilhom sal-hmistax (15) ta' April, 1993 kif kien stipulat bil-miktub bejn il-partijiet*[22] u jergghu li *Manwel Grech u Ronnie Agius naqsu milli jlestu l-appalt moghti lilhom ferm wara li skada z-zmien stipulat bejn il-partijiet kif fuq intqal u ghaldaqstant l-eccipjenti rikonvenjenti kellhom raguni tajba fil-ligi sabiex jitterminaw l-imsemmi appalt*[23]*.*

Mill-provi minnhom prodotti, u senjatament mill-affidavit tal-konvenut John Galea[24], jirrizulta li l-konvenuti tterminaw l-appalt moghti fit-28 ta' Awwissu 1992 minhabba li in segwitu ghal disgwid li kellhom ma' l-attur dwar il-kwalità tax-xoghol tal-parapett, l-istess attur ma kompliex ix-xoghol li kien jonqsu jaghmel fil-parapett u konsegwentement huma inkarigaw terza persuna biex tlesti dan ix-xoghol. Fl-affidavit tieghu l-konvenut jiddikjara li *rigward il-parapett, il-bini tat-tarag ukoll sar meta kien qed isir il-bini u ta' dan jiena u marti effetwajna l-hlas. L-unika kwistjoni, in fatti, li kien hemm bejna u Emanuel Grech tirrigwarda x-xoghol tal-gebel fil-parapett, jigifieri il-balavostri u l-hitan tal-genb. Huwa minnu li x-xoghol tal-gebel fuq il-parapett inbeda, però wara li kien sar xi xoghol u meta kien jidher bic-car li x-xoghol li kien qed isir ma kienx qed isir kif suppost, Emanuel Grech beda jinsisti li jiena u marti nhallsu l-hlas shih minkejja li dan ix-xoghol kien ghadu ma lestihx. Jien ghidtlu biex l-ewwel ilesti x-xoghol u jaghmlu skond is-sengha u l-arti u imbaghad, bhalma konna hallasna lilu u lil Ronnie Agius ghall-bini tad-dar kollha, ma konniex ser incahhduhom minn dak li hu taghhom. Apparti mill-fatt li dejjem kienet il-procedura ta' bejnietna, jiena f'dak l-istadju, kif diga ghidt, ma kontx kuntent bil-mod kif kien qed isir ix-xoghol. Wara din il-konversazzjoni qatt ma rajt lil Emanuel Grech aktar u x-xoghol thalla nofs lehja u mhux skond is-sengha u l-arti. Ghal xi madwar sentejn shah, jien u marti konna nikkuntatjawh, hu jghidilna li ghandu jigi, izda fil-fatt qatt ma gie jkompli x-xoghol mhux mitmum. Emanuel Grech*

[22] It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Galea, fol. 81 tal-process.
[23] It-tieni premessa tal-kontro-talba tal-konvenuti konjugi Galea, fol. 82 tal-process.
[24] Fol. 124 u 125 tal-process.

*halla l-parapett fl-istat kif fotografat f'dokumenti A1,2,3 u B 1,2. Ghaddew sentejn u minkejja t-talbiet taghna, ix-xoghol ma tkomplix. Beda jidher bic-car li Emanuel Grech u Ronnie Agius abbandunaw ix-xoghol u ahna ghalhekk inkarigajna lil haddiehor biex jaghmel dan ix-xoghol. Dan ghamilnieh fl-1996.*

Li x-xoghol fil-parapett ma tlestiex mill-attur izda gie kompletat minn terza persuna inkarigata mill-konvenuti konjugi Galea huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet kontendenti u l-konvenuti ressqu lil Noel Spiteri, il-persuna li wettqet ix-xoghlijiet li kien fadal fir-rigward tal-parapett, fejn dan appuntu kkonferma li *jiena kont ghamilt xi xoghol fil-parapett ta' John Galea ghall-habta ta' l-1996 fid-dar tieghu f'San Giljan. Il-konvenut kien talabni biex nirrangalu l-parapett ghax kellu xi affarijiet neqsin fih u kelli wkoll naghti l-konkons bejn il-pilastri*[25]*.* Mill-provi prodotti però il-Qorti hija iktar inklinata li temmen illi l-konvenuti konjugi Galea inkarigaw terza persuna biex tikkompleta x-xoghol fil-parapett ghaliex l-attur abbanduna l-appalt, milli li huma waqqfu lill-istess attur milli jkompli bix-xoghol u tterminawlu l-appalt ghaliex il-konvenut Galea kellu xi ezamijiet.

Skond l-attur *kont bdejt ix-xoghol dwar il-gallarija u l-parapett u kien fil-fatt avanzat. Però ghal xi raguni l-konvenut John Galea ddecieda li jiena ma nkomplix u qalli sabiex nieqaf. Ir-raguni li kien tani li kellu xi ezamijiet in rigward insurance. In rigward ix-xoghol ma kien hemm l-ebda ilment. Jiena ma ridtx nieqaf peress illi kont marbut biz-zmien sabiex nikompleta x-xoghol*[26]*.* Il-Qorti però difficilment temmen li fl-istadju finali tax-xoghlijiet il-konvenuti konjugi Galea ghal xejn b'xejn jew minhabba xi ezamijiet li seta' kellu l-konvenut kienu se jitterminaw l-appalt moghti lill-attur u jhallu x-xoghol mhux komplut. Huwa iktar kredibbli li ghal xi raguni l-attur abbanduna l-appalt u ma kompliex ix-xoghlijiet kummissjonati lilu bil-

---

[25] Xhieda ta' Noel Spiteri moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2010, fol. 159 u 160 tal-process.
[26] Xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005, fol. 99 u 100 tal-process.

konsegwenza li l-konvenuti konjugi Galea inkarigaw lil Noel Spiteri biex jlesti x-xoghol fil-parapett.

Din id-decizjoni tal-konvenuti konjugi Galea però ma hijiex fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz minghajr il-konsegwenzi legali taghha u timpingi anke fuq il-kontestazzjoni taghhom ghat-talba ta’ l-attur ghall-hlas tax-xoghol minnu esegwit.

Kif osservat mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza **Mariano Sarè v. Antonio Ellul et**, deciza fit-13 ta’ Gunju 1953[27] li wkoll kienet tittratta dwar kuntratt ta’ appalt, *fil-kuntratti bilaterali, bhalma hu dak in kwistjoni, il-kondizzjoni rizolutiva hija dejjem sottintiza ghall-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obligazzjoni taghha; izda f’dan il-kaz il-kuntratt ma jigix rizolut “ipso jure”, imma b’ministeru tal-Qorti, li, mehudin ic-cirkustanzi kollha, tista’ taghti zmien ragjonevoli lid-debitur ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligu tieghu, salvi disposizzjonijiet ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh…. Skond dina d-disposizzjoni tal-ligi, il-konvenuti ma setghux “marte proprio” jirrizolvu l-appalt moghti lill-attur relattivament ghall-fond nru.10 minghajr ma jirrikorru lill-Qorti, li setghet, fil-kaz li kien jidhrilha xieraq, taghti lill-appaltatur terminu ragjonevoli ghall-ezekuzzjoni ta’ l-appalt. Il-konvenuti, però, setghu dejjem bis-sahha tad-disposizzjoni ta’ l-art. 1734 tal-Kodici Civili* [illum Artikolu 1640 tal-Kap.16] *ihollu u jirrizolvu dak l-appalt taht il-kondizzjoni hemm imsemija, jigifieri li jhallsu lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma’ somma li tigi fissata mill-Qorti skond ic-cirkustanzi, li ma ghandhiex però tissupera l-profitt li l-appaltatur seta’ rrikava mill-appalt.*

Kif ulterjorment osservat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **France Abela v. Joseph Scicluna, Citaz. Nru. 39/87** deciza fil-31 ta’ Jannar 2003, *jekk l-appaltant ihoss ruhu mahlul mill-ftehim u jqabbad persuna ohra biex tikompli l-ezekuzzjoni ta’ l-appalt ikun hu li, ghax ma jkunx irrikorra ghall-ministeru tal-Qorti biex din*

---

[27] Kollezzjoni ta’ Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, Vol. XXXVIIA – I – 197. Vide wkoll Carmelo Cassar v. Alfonso Maria Pace, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Dicembru 1962, Kollezzjoni ta’ Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta Vol. XLVIB – I – 437.

*tiddikjara xjolt l-appalt, xolja l-kuntratt ad nutum, u allura huwa jaqa' taht l-isemmija disposizzjoni [*ta' l-Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta] *u jkun suggett biex jezegwixxi dawk l-obbligi prevvisti mill-ligi favur l-appaltatur.*

Minn dawn l-insenjatamenti guridici jirrizulta ghalhekk li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-attur huwa intitolat ghall-hlas minghand il-konvenuti konjugi Galea ghax-xoghol li lahaq esegwixxa fil-parapett tal-fond taghhom, liema hlas però ghandu jigi iddeterminat fid-dawl mhux biss tad-disposizzjonijiet tal-Ligi kif enuncjati fl-Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda wkoll fid-dawl tal-kwalità u finali utilità tax-xoghol esegwit, partikolarment billi l-konvenuti konjugi Galea jallegaw li x-xoghol esegwit mill-attur fil-parapett ma kienx skond is-sengha u l-arti.

Qabel ma tidhol fil-kwistjoni tal-*quantum* tal-valur dovut mill-konvenuti konjugi Galea lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit fil-parapett tal-fond taghhom, il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu fl-ahhar mill-ahhar gustifikati li jezercitaw il-jedd moghti lilhom bl-Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta w unilateralment jitterminaw l-appalt moghti fit-28 ta' Awwissu 1992 u minflok jinkarigaw terza persuna biex jittermina x-xoghol fil-parapett taghhom. In effetti mill-provi prodotti jidher li l-attur u l-konvenuti kienu ilhom minn xi zmien fl-1993 jikkustinjaw bejniethom dwar dawn l-ahhar xoghlijiet u sa' l-1996 baqghu ma solvewx il-kwistjoni ta' bejniethom u x-xoghlijiet baqghu mhux kompletati. In effetti kien biss fl-1996 li l-konvenuti finalment inkarigaw lil Noel Spiteri biex jikkompleta x-xoghol fil-parapett.

Ladarba l-konvenuti konjugi Galea kienu gustifikati f'li jitterminaw l-appalt moghti lill-attur jsegwi li fil-kaz in ezami ghandu japplika dak dispost fl-Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandhu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

Fil-konsiderazzjoni tat-talba ta’ l-attur ghall-hlas tas-somma ta' Lm580.00, ekwivalenti ghal €1,351.04, fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, iridu jigu kkunsidrati: (i) il-fatt li x-xoghol fil-parapett li kellu jigi esegwit mill-attur ma giex kompletat – fatt dan mhux kontestat bejn il-partijiet kontendenti; u (ii) l-affermazzjoni tal-konvenuti konjugi Galea li x-xoghol esegwit mill-attur fil-parapett tal-fond taghhom ma kienx skond is-sengha u l-arti, fatt dan ikkonfermat u debitament ippruvat bix-xhieda ta’ Noel Spiteri moghtija waqt is-seduta ta’ l-1 ta’ Novembru 2010[28] fejn iddikjara li: *meta jiena bdejt nahdem fuq il-parapett ma stajtx nahdem mal-ewwel fuq il-parapett fl-istat li kien, kelli nzarma xi affarijiet. Jekk niftakar sew kelli nnehhi xi haga mill-koxox tal-parapett biex inkun nista’ naghti l-konkos sew u anki kien hemm xi balavostri neqsin. … Jiena komplejt nahdem u finalment lestejt fuq dak li kien hemm. Jiena nikkonferma li kelli nnehhi xi haga mill-koxox biex inkun nista’ naghmel il-konkos ahjar billi kienu qed jiccaqalqu. Kien hemm ukoll affarijiet ohra li jiena kelli naqla’ biex jitwahhlu ahjar billi kienu qed jiccaqalqu u kont ukoll ghamilt il-coping tal-parapett u kif ukoll xi balavostri li kienu neqsin.*

Il-Qorti appozitament taghmel referenza biss ghax-xoghol esegwit mill-attur fil-parapett tal-fond tal-konvenuti konjugi Galea ghaliex ghalkemm l-attur jikkontendi li *jiena fil-fatt ghad ghandi dovut lili s-somma ta’ hames mija u tmenin liri Maltin (Lm580). Fil-fatt dan l-ammont huwa l-prezz miftiehem apparti, kif spegajt, in konnessjoni mal-parapett u l-gallarija*[29], mill-provi minnu stess prodotti, u senjatament mix-xhieda tal-kuntrattur l-iehor involut fix-xoghlijiet, Ronnie Agius, jirrizulta li l-ahhar xoghol li kien ghad fadal u li kienu ghadu ma thallasx kien biss ix-xoghol fil-parapett u mhux ukoll ix-xoghol relattiv ghall-gallarija.

F’tali rigward Ronnie Agius xehed illi *sakemm kont jien impenjat fix-xoghol ma’ Manwel Grech kien tlesta l-*

[28] Fol. 159 u 160 tal-process.
[29] Xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2005, fol. 99 u 100 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.

*basement, l-ewwel (1) sular, it-tieni (2) sular u l-washroom. Kien fadal biss ghalhekk il-parapett*[30]*. Meta wasalna sabiex naghmlu dan il-parapett jiena u Manwel Grech ma tlajniex flimkien. Sax-xoghol kollu li kien sar, anzi ghax-xoghol kollu li kien sar, jiena kont thallast. In rigward il-parapett, dan kellu jsir minn Manwel Grech*[31]*.* Il-konvenut John Galea wkoll jishaqq li ghax-xoghol tal-gallarija l-attur già jinsab imhallas u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex temmen li dak dikjarat mill-konvenut huwa minnu.

Minn dan kollu jsegwi ghalhekk li mhux is-somma kollha ta' Lm580, ekwivalenti ghal €1,351.04, hija dovuta lill-attur u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida l-ammont dovut lill-attur mill-konvenuti konjugi Galea *arbitirio boni viri.* Ebda wahda mill-partijiet kontendenti ma talbet in-nomina ta' Perit Arkitett ghall-fini li jillikwida l-ammont qual' volta dovut lill-attur u l-Qorti mhux ser tghaddi ghan-nomina ta' Perit f'dan l-istadju tal-proceduri stante li l-ispejjez konnessi ma' tali nomina ma humiex gustifikati u gustifikabbli fid-dawl tal-*quantum* tal-pretensjoni ta' l-attur.

Wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz u in partikolari dawk l-aspetti li jimpingu fuq il-*quantum* tal-valur dovut lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit fil-parapett tal-fond tal-konvenuti konjugi Galea, il-Qorti tqis li ghax-xoghol kif esegwit minnu l-attur ghandu jithallas minghand il-konvenuti s-somma ta' Lm145.00, illu ekwivalenti ghal **€337.76**.

Nonostante dak dispost fl-Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija likwidazzjoni l-Qorti ma qisietx xi danni li setghu inkorrew il-konvenuti konjugi Galea peress illi tul il-kors tal-proceduri ma sar ebda accenn ghal tali danni u lanqas tressqet xi prova li turi li seta' kien hemm danni.

---

[30] Sottolinear tal-Qorti.
[31] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2008, fol. 102 u 103 tal-process.

Stabbilit l-ammont dovut mill-konvenuti konjugi Galea lill-attur u stabbilit ukoll li l-konvenuti kellhom raguni valida in bazi ghal liema jitterminaw l-appalt moghti lill-attur, isegwi li t-talba rikonvenjzonali taghhom ghall-hlas tas-somma ta’ Lm750.47, illum ekwivalenti ghal €1,748.12, tista’ tigi milqugha limitatament ghas-somma ta’ Lm605.47, ekwivalenti ghal **€1,410.36**, ossia l-bilanc li jifdal wara li jitnaqqas l-ammont ta’ Lm145.00, ekwivalenti ghal €337.76, minnhom dovut lill-attur. Ghalkemm il-konvenuti konjugi Galea jitolbu li l-attur ihallashom ukoll ta’ l-ispejjez konnessi ma’ l-izbank tas-somma ta’ Lm750.47, huma ma ressqu ebda prova dwar tali spejjez u ghalhekk dik il-parti tat-talba rikonvenzjonali taghhom ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

In kwantu rigwarda t-talba attrici:

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti konjugi Galea, tilqa’ t-tieni eccezzjoni taghhom u in parte t-tielet eccezzjoni wkoll;
2. Tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ €337.76, ekwivalenti ghal Lm145.00, u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Galea ihallsu lill-attur is-somma ta' €337.76, bl-imghax legali dekoribbli mill-24 ta’ Marzu 2004, id-data li fiha il-konvenuti taw ruhhom b’notifikati bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza, sad-data ta’ l-effettiv pagament;
3. L-ispejjez relattivi ghat-talba attrici ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mill-attur u ¼ mill-konvenuti konjugi Galea.

In kwantu rigwarda t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti konjugi Galea:

1. Tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur;
2. Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuti konjugi Galea u tiddikjara li kellhom raguni valida fil-Ligi in bazi ghal liema jitterminaw l-appalt moghti lill-attur;
3. Tilqa’ t-tieni talba rikonvenzjonali limitatament ghas-somma ta’ €1,410.36, ekwivalenti ghal Lm605.47 u

tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti konjugi Galea is-somma ta' €1,410.36, bl-imghax legali dekoribbli mill-17 ta' Ottubru 2005, id-data tan-notifika tal-kontro-talba lill-attur, sad-data ta' l-effettiv pagament;

4. L-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¼ mill-konvenuti konjugi Galea u ¾ mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------